**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 27 ta’ Ottubru 2016**

Rikors Guramentat Nru. 432 / 10RGM

Kawza fil-lista: 25

**A B**
**vs**
**C B u b’digriet datat 26 ta’ Ottubru 2016 zdid il-kliem “D sive” quddiem isem il-konvenuta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-4 ta' Gunju 1981 fil-parocca ta' San Guzepp Imsida, kif jidher mic-certifikat;

2. Illi minn dan iz-zwieg huma ghandhom zewgt itfal Jason u Kris li llum il-gurnata huma magorenni;

3. Illi z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment il-partijiet fil-fatt ilhom separati de facto ghal diversi snin u l-hajja konjugali taghhom ma kinitx baqghet aktar possibli u dan minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenuta, konsistenti f'eccessi, sevizzi, adulterju, offizi gravi da parte taghha inkompatibbilita ta' karattru u ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzioni personali;

4. Illi d-dar matrimonjali ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqasam;

5. Iz-zewg partijiet jahdmu;

6. Illi l-attur giet debitament awtorizzat mill-Qorti Civili-Sezzjoni tal-Familja sabiex jipprocedi bil-kawza ghas-separazzjoni;

Tghid il-konvenuta ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli lill-konvenuta konsistenti f'eccessi, sevizzi, adulterju, offizi gravi da parte taghha, inkompatibbilita ta' karattru u ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni personali u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kap 16 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta tistabilixxi d-data meta l-istess konvenuta ghandha tigi kkunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda;

2. Tiddikjara xolta u likwida l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tassenja parti lill-attur u parti lill-konvenuta inter alia tad-dati tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti bhala d-data meta l-konvenuta ghandha tkun kunsidrata li minnha kien hatja tal-firda;

3. Tapplika kontra l-konvenuta l-effetti kollha ta' l-artiklu 4 u 55 tal-Kap l6 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Tordna li d-dar matrimonjali tal-partijiet tinbiegh.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta li minn issa hi ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li taqra kif gej:-

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti A B huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra tieghu stante illi r-ragunijiet ghat-tifrik taz-zwieg huma mputabbli lilu stess u dan minhabba eccessi, sevizzi, adulterju u offizi gravi a parti tieghu, dana kollu kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2011 fejn il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Ingrid Bianco bhala Perit Legali;

Rat l-affidavit tal-konvenuta anness ma' nota pprezentata fis-16 ta' Frar 2012;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali ppresentat fl-24 ta' Marzu 2015 u mahluf fit-8 ta' Gunju 2015;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturipprezentata fis-16 ta' Settembru 2015 u dik tal-konvenuta pprezentata fid-9 ta' Gunju 2016;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2016 meta l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza. Fl-istess seduta l-konvenuta talbet li tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha "Ebejer".

**IL-PROVI.**

**L-attur A B** ipprezenta l-affidavit tieghu, mahluf fis-26 ta' Ottubru 2011, fis-seduta mizmuma mill-Perit Legali fl-istess gurnata, Fol 54 et seq.

Hu kkonferma li zzewgu fl-4 ta' Gunju 1981 u kellhom zewg subien, Jason u Kris li llum ghandhom 29 sena u 25 sena rispettivament. Hu jghid li z-zwieg taghhom kien ilu sejjer hazin u t-tnejn kienu mdejqin. Jghid li ssaporta sakemm kibru t-tfal u wara ddecida li ma jibqax jghix maghha. Jghid li t-tnejn kienu ghadhom zghar meta zzewgu. Il-flat residenza taghhom hu propjeta' taghhom it-tnejn.

Fil-bidu taz-zwieg kienu jghixu f'dar mikrija. L-ewwel tifel, Jason, twieled fid-9 ta' Mejju 1982. Il-problemi bdew mill-bidu nett billi Jason kien jbghati minn accessjonijiet serji, kellu solgha kerha msejha 'krupp', kienu jixtrulhu 'steamers' biex ma jinstatdx il-pipe tan-nifs, li jservu hmistax il-gurnata biss u jiswew Euro 58-il wahda. Hu kien jahdem fil-Power Station bix-xift hinijiet strambi u kien kostrett isib xoghol iehor part time biex jlahhaq mal-ispejjez.

Kien jaghmel iljeli shah mqajjem ghassa ghat-tifel, kien jhossu ghajjien u mkisser. Il-mara kienet ukoll b'tensjoni kbira, tghajjat u tghiru salvagg, tferih bi problemi personali u t-tensjoni dejjem tizdied ghat-tnejn.

Fil-25 ta' Settembru 1986 twieled t-tifel Chris, u l-problemi zdiedu billi anke hu kien jbghati mill-istess kondizzjoni ta' huh il-kbir u kien jkollu qtuh ta' nifs. Wara marru jghixu fil-flat li hu d-dar matrimonjali. Dan nxtara bil-prezz ta' Euro 19,800 (LM8,500), thallas in parti b'loan mill-Lohombus u l-bilanc f-pagamenti mensili li s-sid accetta bil-kondizzjoni li jizdiedu l-imghax. Biz-zmien beda jinhass il-piz finanzjarju. Skopra li martu bdiet iggib xi xoghol id-dar, hu ma oggezzjonax pero' ma ghogbitux li ma qaltlux, jghid li ma kinitx tikkalkolah. Anke meta bdiet titghallem il-karozza ma qaltlux. Kien iddispjacut li ghalkemm kien qed jahdem minn xoghol ghal xoghol, bla nifs biex martu u uliedu jkunu komdi, minflokk kumplimenti kien jircevi tghajjir u insulti minn martu. F'dak iz-zmien kellhom hafna spejjez ta' tobba minnhabba l-kondizzjoni ta' sahha prekarja tat-tifel Jason.

Jghid li martu ma kintix timxi sew mieghu, kellha karattru iebes u kienet tweggghu b'ilsiena. Xtaqet tibda tghallem il-pjanu u xtralha pjanu li kien jiswa LM1,200 li dak iz-zmien kienet somma konsiderevoli. Kien jipprova jikkuntentha f'kollox izda l-problemi u l-argumenti baqghu jizdiedu. Jghid li kienet tghix hajjietha, ma tikkonsultah fuq xejn qisu ma jezistix hlief biex jaghtiha l-flus. Hassu wahdu u mdejjaq hafna fiz-zwieg. Kienet takkuzzah li ma kienx jghinha fix-xoghol tad-dar, pero' hu jghid li kien jghin fil-faccendi meta kien jkun d-dar, ma kienx isajjar ghax ma jafx, pero' kien jmidd idu ghax xoghol fid-dar partikolarment meta hi kienet tkun qed taghti l-lezzjonijiet tal-pjanu.

Hareg bl-idea li biex jkunu aktar flimkien jibdew jmorru ghall-lezzjonijiet taz-zfien. Marru tajjeb u ddecidew li jiehdu lezzjonijiet biex jibdew jaghallmuh huma l-izfin. Irrnexxielhom jikwalifikaw, kellhom l-ispejjez u eventwalment bdew bl-iskola taz-zfin taghhom u bil-flus li kienu jdahhlu kienu jhallsu ghall-ispejjez li kellhom.

Irrealizza li x-xewqa tieghu li l-intimita' ta' bejniethom timmiljora kienet biss illuzjoni u dan skont hu minhabba l-karattru difficli ta' martu. Kellhom opportunita' li jixtru 'time share', hu ghall-ewwel kien kontra minnhabba l-ispejjez li kellhom, hi kienet favur. Hu haseb li r-relazzjoni taghhom kienet ser tmur ghall-ahjar, u ftehmu li l-ispejjez jithallsu mill-flus li kienu jaqalghu mill-iskola tal-izfin, izda wara ftit kellhom xi jghidu u l-mara ma riditx tohrog sehemha ghat-'Time Share'. Dan skont hu kien kaz iehor li juri l-karattru difficili ta' martu, kif kienet jgib ruha mieghu u li bil-mod il-mod kien qed ikisser iz-zwieg taghhom.

Jghid li kienet tiksru quddiem l-istudenti waqt l-lezzjonijiet tal-izfin u fil-presenza tal-genituri tal-istudenti u tumiljah quddiem kullhadd. Kienet ixxewwex lill-uliedhom kontrih kull darba li kien jkollhom xi jghidu. Kienet insistiet mieghu biex jbiddel d-data tat-twelied ta' ohtha u r-ragel taghha li kienu qed jikkompetu f'kompetizzjoni tal-izfin, biex jirbhu f'dik il-kategorija, spiccaw biex inqabdu u gew sospizi ghall-sentejn milli jikkompetu. Meta xi koppja li kienu jaghallmu kienet tkun trid tkecciha kienet tghid lilu biex jghidilhom; kien jidher ikrah hu u mhux hi.

Lit-tfal qatt ma kienet tenkoraggihomm jmorru jaraw lill-genituri tieghu, mentri lit-tifel iz-zghir Chris kienet tghidlu biex jmur jorqod ghand ommha. Jghid li wara li telaq mid-dar, il-post kien ghadu ma thallasx kollu, u kompla jhallas hu wahdu. Illum l-post thallas u ma hemmx dejn fuqu. Jghid li l-mara ma' tridx li tinbiegh d-dar u kien ghalhekk li kellu jipprocedi b'kawza.

Hi ghandha tlett introjti; tahdem l-Easy School of Language, taghti lezzjonijiet tal-pjanu u lezzjonijiet ta'zfin. Hu jghid li hi ilha zmien f'relazzjoni mal-partner

taghha, tkun fil-pubbliku mieghu, jghid li ma jindahalx fil-hajja privata taghha pero' jiddikjara li anke hu qieghed f'relazzjoni.

Jichad li qatt refa' idejh fuqha jew fuq it-tfal. Jichad li kien jzommha nieqsa mill-flus jew li kien jixtri xi affarjiet ghalih minnflok. Kien jahdem lejl u nhar biex jlahhqu mal-ispejjez u jipprovdi ghall-htigijiet taghhom kollha.

Jaqbel li d-dar ghandha tinbiegh u r-rikavat jinqasam bejniethom. Id-dghajsa xtraha LM400, bieghha Euro 800 u hallas Euro 200 senserija. Kien xtara mutur bil-prezz tz' LM1000. L-istock tal-hanut kien tahom ghall-Humanitarian Aid ghall-vittmi tal-Haiti. Mill-flus tal-Life Insurance circa LM3,400 hallas il-loan tad-dar u l-business loan. It-Time Share li kellu tal-Kempinski kellu jirritornah billi kien waqa' lura fil-pagamenti ta' arretrati ta' mantenzjoni. Dwar vetturi hu ghandu Honda del Sol li skont l-assikurazzjoni fis-sena 2010 kienet tiswa Euro 2,600 u hi ghandha Toyota Vitz li tiswa ftit aktar. Hu hallas il-kera tal-garage u il-kontijiet tad-dawl u l-ilma.

L-attur xehed in kontro ezami fis-seduta tal-1 ta'Marzu 2012 mizmuma mill-Perit Legali, Fol 77 et seq. Hu ddikjara li l-mara dejjem kienet taqbad mieghu meta jigi lura mix-xoghol wara li kien jkollha xi kwistjoni mat-tfal.

Il-mara kienet taqla' l-flus mill-lezzjonijiet tal-pjanu u taz-zfin, pero' l-paga ewlenija kienet tieghu u kien jghaddilha ¾ tal-paga kull l-ahhar tax-xahar. Il-paga tieghu kienet tidhol f'Joint Account fil-Bank of Valletta Nru: 14900689012.

Jghid li ghalkemm lit-tfal kien jikkorregihom qatt ma kien aggressiv maghhom, kien jaghtihom b'idu u qatt bil-ponn fuq wicchom u dan meta kienu taht l-10 snin billi wara deherlu li verbalment kien sufficjenti. Jichad li t-tfal kienu mwerwrin minnu.

Mhux cert jekk kienx fis-sena 2012 meta sar jaf lil Mary Rose Bonnici nee Zahra li kienet studenta taz-zfin. Din kienet mizzewga, ir-ragel kien jismu Emy li kien jizfen ukoll. Jghid li r-relazzjoni intima maghha bdiet fit-2008 u mhux fit-2002 kif gie mistoqsi. Jghid li bejn it-2002 u it-2008 qatt ma ltaqa' wahdu maghha dejjem kien fil-presenza ta' zewgha u kienu jiltaqghu waqt l-lezzjonijiet tal-izfin, fid-dances u fejn kien jdoqq hu. L-atteggjament tal-mara fil-konfront ta' Mary Rose kien wiehed skomdu billi kienet tghid li din kellha kunfidenzi mieghu.

Jghid li martu sakemm kibru it-tfal kienet tmur torqod maghhom. Kien hemm xi zewg okkazzjonijiet bejn it-2002 u t-2006 meta hareg mal-mara u tfaccat MaryRose. Jaqbel li kienet martu li kecciet lil MaryRose mill-iskola, haga li ma haddiehor kien jaghamilha hu mhux martu. Din id-darba ma qaltlu xejn u kecciethа hi.

Ikkonferma li lil MaryRose kien jafha qabel u jaf lill-ohtha billi huma mill-Imsida bhalu. Jghid li ma kienx hemm kuntatt aktar wara li wafqet mill-izfin sas-sena 2008 meta ltaqa' maghha l-LIDL ta' Hal-Luqa u baqghu jikkomunikaw. Hu f'dak iz-zmien kien jghix f'San Pawl u MaryRose kienet toqghod f'Attard mar-ragel taghha.

L-attur, A B, fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2013, Fol 154, iddikjara li bil-polza tal-assikurazzjoni kien hallas il-bilanc tal-loan tad-dar, kif ukoll l-arretrati tal-kera tal-garage, li l-merkanzija ma kinitx fi stat tajjeb u kien taha lill-Humanitarian Aid u ammetta li kien ghadu f'relazzjoni ma' MaryRose Bonnici.

**Jason B, bin il-partijiet** xehed fis-seduta tas-26 ta' April 2012 mizmuma mill-Perit Legali, Fol 81 u 82. Iddikjara li meta kien zghir missieru kien issawwat kemm lilu kif ukoll lil huh Christian bid-daqqiet ta' ponn fil-wicc u fuq iz-zaqq. Gieli kien jkollu d-demm minn gewwa f'halqu apparti t-tbengil fuq barra. Kien isawtu fil-presenza taz-zewg nanniet, omm missieru u omm ommu. Jirrakkonta incident meta missieru sawwat lill-ommu ghax ma qablux jekk kellhomx jmorru jew le ghall-party tal-pracett tal-kugin tieghu Clifford Cipriot u kaxkarha mill-kcina sas-salott b'ommu tikbi, meta hu kellu xi seba' snin. Kemm hu kif ukoll huh kienu jibzghu minn missierhom meta jigi lura mix-xoghol, kien issawwathom meta jikkorregilhom il-homework. Meta kiber beda jinnota li ommu kienet qed tbaghti. Missieru kien jzommha nieqsa mill-flus u ma kienx ihalliha tahdem.

Jghid li hu illum iggradwa fil-Business and Computers, qabel kien jmur ghall-privat, kien jibza jitlob l-flus minghand missieru, kienet thallaslu ommu mill-flus li kienet taqla' mill-lezzjonjiet tal-pjanu, il-flus li kienu jaqalghu mill-lezzjonijiet tal-izfin kien izzommhom missieru. Anke meta kibru, ghalkemm okkazjonalment, kien baqa' jsawwathom. Meta kellu xi tmien snin f'zewg okkazjonijiet tah xebba u spicca il-polyclinic fejn ghamlulu l-punti. Beda jinduna li missieru kellu xi haga ma' mara ohra fit-2002 meta kellu 19 il-sena. Il-lezzjonijiet tal-izfin kienu jsiru fil-ghaxija f'lukanda San Pawl il-Bahar u meta missieru kien jkun DJ certa MaryRose Bonnici l-mara ta' Emy, kienet tibqa' dance shih hdejh. Darba l-genituri kellhom xi jghidu billi waqt lezzjoni taz-zfin missieru rceva telefonata li MaryRose habtet, u telaq biex jghinha. Ommu bdiet tissuspetta li bejniethom ma kienx hemm biss hbieberija. Xi sena qabel kien ra l-karozzi taghhom it-tnejn ipparkjati hdejn ir-residenza ta' missieru f'Hal-Safi. Iddikjara li jaf li MaryRose ma ghadhiex mar-ragel taghha. Ikkonferma li fit-2002 missieru telaq mid-dar u mar ghand ommu li tghix l-Imsida

Fit-2006 marru l-Imsida ghall-festa u regghet tfaccat din MaryRose. Jiftakar lill-ommu tikbi u lill-missieru jghajjarha mignuna. Hu kkonferma li ommhom dejjem hadet hsiebhom u li zgur mhiex mignuna.

**Chris B, bin il-partijiet**, xehed fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2012 mizmuma mill-Perit Legali, Fol 83. Hu dikkjara li kellu 25 sena u jiftakar li minn mindu kellu xi 4 snin missieru kien isawwat lilu u lil huh Jason. Kien jaghtih bil-ponn go wiccu darba hariglu d-demm minn xuftejh. Darba lil huh Jason waddbu mal-art, u fetahlu mohhu hdejn ghajnejh. Kienu jghidu li zelaq waqt li kien qed jigri u habat rasu. Kellhom pressjoni biex ma jghidux il-verita' ghalkemm ma jiftakarx ezatt minn fejn kienet gejja l-pressjoni. Jghid li l-okkazzjonijiet ta' swat fuqu u fuq huh kienu spissi, darbtejn fil-gimgha. Jghid li lil huh missieru baqa' isawwtu sakemm kellu 19 il-sena. Semma' incident meta kellu xi tmien snin, u qala xebba minghand missieru ghax cemplet it-teacher u qaltlu li ma kienx ghamel il-homework. Ommu ippruvat taqbez ghalih izda hu tefaghha 'l barra, sakkar il-bieb u kompla jaghtih. Lilu u lil huh kien jghidilhom "naqsmek", "inkissirlek ghadmek", "inhassarlek wiccek", "nifqak mal-hajt" ecc.

Jiftakar li ommu kellha problema ta' flus u kienet bdiet tghallem il-pjanu ghax missieru ma kienx jaghtiha flus. Il-flus taz-zfin ghall-ewwel kien izomm kollox l-attur; wara hafna glied bejniethom bdew hu jzomm tieghu, u hi zzomm taghha. Flus tal-privat bhala regola kienet thallas l-omm, eccezzjonalment, meta ma kienx jkollha flus kien jhallas hu pero' b'hafna hars bl-ikrah.

Meta huh ghalaq tmintax-il sena ppropona li jmur Paceville, beda jargumenta ma missieru li spicca biex tah daqqa ta' ponn go halqu, ommu qabzet ghalih u missieru qabad u hareg 'l barra. Ikkonferma li l-problemi bdew billi fiz-zfin kien hemm certa MaryRose Bonnici, mizzewga ma' certu Emy u kellha zewgt itfal, u din kienet dejjem toqghod hdejn missieru. Dak iz-zmien hu kellu xi tmintax-il sena. Jiftakar okkazzjoni meta ra lil ommu tikbi ghalhiex kienet rceviet telefonata anonima li missieru kien ma' mara ohra.

Chris B kompla jixhed fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2012, Fol 86. Hu kkonferma li bdew jizdiedu t-telefonati li ommu kienet tircevi li missieru ma kienx fidili lejha, kull fejn jmorru, ristoranti, festi ecc dejjem kienu jiltaqghu ma' MaryRose u zewgha. Il-genituri kellhom xi jghidu, nqalet glieda kbira u missieru spicca biex telaq mid-dar, mar ghand ommu u rrifjuta li jirritorna ghax qal li kien iddejjaq dejjem takkuzah.

Ix-xhud kellu suspett qawwi li missieru kien qieghed ma' MaryRose billi kien jkun dejjem fuq it-telephone, internet ecc. Wara l-episodju tal-festa missieru kera post Bugibba, u hu kkonferma li kellu relazzjoni ma' MaryRose meta urieh laptop gdid li xtara u malli xeghelu gie ritratt taghhom flimkien. Missieru kien ha xokk u ghalaq il-laptop mill-ewwel. Missieru ghall-ewwel cahad li kienu rawh ma' MaryRose fil-LIDL ta' Hal-Luqa, pero wara ammetta li kien ma' MaryRose.

Kien hemm diversi okkazzjonijiet ohra meta rahom flimkien f'Paceville u fil-karozza Honda Civic Blue li kellu.

L-ahhar episodju li kellu ma' missieru kien fit-2011, meta baghatlu sms biex johorgu jieklu, kellhom konversazzjoni u x-xhud ipprezenta recording ta' dak li ntqal bejniethom fid-29 ta' April 2011 fejn missieru ikkonferma kemm li kien isawwathom kif ukoll li ma kienx fidili ma' omm ix-xhud.

**C B, il-konvenuta**, pprezentat l-affidavit taghha anness ma' nota tas-16 ta' Frar 2012, Fol 24. Hi kkonfermat li zzewget lill-attur fin-1981 u kellhom zewg ulied Jason u Kristian li twieldu fin-1982 u 1986 rispettivament. Minn meta zzewgu r-ragel ma kienx jittrattha tajjeb billi ma kienx jghinha finanzjarjament fix-xiri ta' l-ikel, hwejjeg u spejjez ohra necessarji, mhux ghax ma kellux izda ghaliex kien jonfoq kollox fuq karozzi, mobiles u computers.

Fil-bidu kien jahdem bhala 'works technical officer' fil-Power Station, fejn kellu paga tajba. Wara hadem ma' Muscat General Stores u mbaghad ma' C & H Bartoli. Telaq dawn l-impiegi biex fetah hanut, li kellu jaghlaq wara sentejn. Insistiet mieghu biex jsib xoghol u rega' qabad jahdem ma C & H Bartoli.

Ma kienx irid li jkollha hbieb, kien ordnalha biex ma tkellimx lill-ommha, Michelina Ebejer u ohtha Sandra Hammet. Kienu jiggieldu ta' spiss billi hu kien isawwat lit-tfal. Darba meta kien sawwat lit-tifel Jason kellhom jiehduh il-Polyclinic. Hi u t-tfal kienu mwerwin minnu. Hi u t-tifel Jason bdew jmorru ghal-lezzjonijiet tas-sewqan u ma qalulux ghax bezghu mir-reazzjoni tieghu.

Fis-sena 2002 skopriet li kien hemm xi haga bejn zewgha u studenta taz-zfin tieghu, MaryRose Bonnici xebba Zahra. Kellhom hafna tilwim fuq din il-kwistjoni, hu kien dejjem jichad, pero' hi kienet taf li dan ma kienx minnu billi lil Bonnici kien jibghatilha hafna messaggi bil-mobile bil-mohbi u anke ikkrea password fuq il-computer biex hi ma tkunx tista tara ma' min qed jikkommunika permezz ta' 'chats'. Kien jinghalaq fil-kamra tieghu juza il-computer u malli ssemmilu xi haga jghidilha li hi ossessjonata u qal lill-familja tieghu li hi qed tiggenen Kienet tircevi hafna messaggi anonimi ta' theddied fuq il-mobile.

Kemm-il darba meta kienu johorgu flimkien kienet titfacca MaryRose Bonnici. Kienet tghidlu li trid titlaq kien jirrispondiha li qed tara s-shahar. Darba kienu ic-cinema mat-tifel Kristian, u hi inzertat hemm ma' zewgha Emmanuel Bonnici. Darba ohra dehret il-Gala Supermarket. Tghid li dan kollu kien orkestrat biex hi thossha skomda.

F'zewg okkazzjonijiet r-roti ta' zewg vetturi taghha , Maruti u Toyota Vitz, nhallu u dan wara li kien uza il-vetturi zewgha.

Fit-2004 marret tghix ghand ommha minhabba l-problemi li kellha mieghu, pero' billi hu telaq mid-dar matrimonjali marret lura id-dar biex tghix mat-tfal. Iz-zija taghha u r-ragel taghha, Doris u Charles Scicluna, ippruvaw jirrikonciljawhom u zewgha rritorna fid-dar matrimonjali. F'dak iz-zmien il-problemi ta' bejniethom kienu qed jeffettwaw hazin lit-tifel Jason li kien l-Universita', hi ghalhekk ippruvat izzomm il-familja maghquda.

Fil-festa ta' San Gusepp tal-Imsida fit-2006 marru jaraw il-purcissjoni hierga, u ghal darba ohra tfaccat MaryRose Bonnici li marret hdejhom. Wara ftit zewgha invitha biex tmur ghand ommu ghall-party tal-festa. Hi qaltlu li ahjar jiehu lit-tfajla flok il-mara, kellhom argument kbir u Ray B telaq mid-dar matrimonjali u qatt ma rega' mar lura.

Beda jghix San Pawl il-Bahar u MaryRose Bonnici kienet tmur ghandu. Emmanuel Bonnici darba kien segwiha minnghajr ma kienet taf. Emmanuel Bonnici u martu MaryRose spiccaw isseparaw minnhabba ir-relazzjoni li martu kellha ma' Ray B. Iddikjarat li illum il-gurnata zewgha Ray B u MaryRose Bonnici jghixu flimkien f'Hal-Safi.

Xehdet illi bejn is-sena 2006 u s-sena 2012 zewgha sarraf l-Assikurazzjoni minghajr l-kunsens taghha u ma taha l-ebda flus, biegh il-karrozza tieghu Hyundai minghajr ma qalilha u ma taha ebda flus, biegh l-istock tal-hanut minghajr ma qalilha u ma taha ebda flus u ttermina it-'Time share' ta' San Lawrenz minghajr il-kunsens taghha u ma taha ebda flus. L-istess ghamel bit-taghmir tal-muzika li kellu.

Il-konvenuta C B, xehdet fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2012 mizmuma mill-perit Legali, Fol 88. Hi kkonfermat li zewgha, xahar wara li telaq mid-dar sarraf il-Life Insurance mal-MiddleSea qabel ma ghalqet. Il-konvenuta pprezentat document b'konferma tal-istess. L-istess ghamel bil-karozzza Hyundai Silver li kienet nxtrat fiz-zwieg, d-dghajsa, it-Timeshare f'San Lawrenz Ghawdex u l-music equipment li nxtara fiz-zwieg bil-prezz ta' xi LM2,000, li hu kien juza fil-Lukandi fejn kien jahdem part time bhala DJ. Kienu krew garage fid-dawra ta' Ta' Xbiex bil-prezz ta' LM500 fis-sena, fih kienet tinzamm id-dghajsa u l-istock tal-hanut tal-hwejjeg. Id-dghajsa nxtrat fit-2003, second hand bil-prezz ta' LM600 u il-mutur kien gdid u kien jiswa circa LM1,500.

**Emmanuel Bonnici** xehed fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2012, mizmuma mill-Perit Legali Fol 90. Hu kkonferma li MaryRose Bonnici hi l-ex mara tieghu. Fis-sena 1999 hu u martu kienu marru ghall-lezzjonijiet tal-Ballroom dancing fil-'Josray' Dancing School ta' Ray u C B, damu diversi snin jattendu ghal dawn il-lezzjonijiet. Hu jghid li f'dan iz-zmien martu bdiet turi nuqqas ta' interess fil-hajja

matrimonjali taghhom. Kienet bdiet tilbes mqaccat, hu ma kienx japprova kien ihoss li qed tilbes bhal prostituta. Kienet tilbes hekk anke waqt l-izfin u C kienet harget cirkolari lill-istudenti kollha biex jilbsu b'mod decenti. Hu nnota li kienet taqla' hafna kwistjonijiet ghal xejn bejniethom qisa riedet iddejqu biex ma jibqghux flimkien.

Fis-snin 2006 u 2007 hi kienet tohrog fil-5pm u tigi lura fl-10.30pm, u meta kien jistaqsiha fejn marret kienet tghidlu li harget wahedha jew mal-hbieb. F'Ottubru/Novembru 2008 bdew jitkellmu fuq separazzjoni. Iddikjara li kien jara l-karozza taghha ipparkjata wara il-karozza ta' A B f'San Pawl fejn kellu flat bil-kera. Fis-sena 2004 martu habtet in-Naxxar vicin l-iskola taz-zfin u cemplet lil A B ghall-ewwel ghajnuna u mhux lilu. F'Novembru 2008, C B marret l-ufficju tieghu u qaltlu li A u MaryRose kien ghadhom jiltaqghu. Dakinhar stess xi l-4.30pm kien staqsa lill-mara jekk kienx veru li kienet qed tohrog ma' A. Ghall-ewwel qaltlu "m'hux affarik" u "minn qallek?" u meta hu qalilha li qaltlu C ammettiet u qaltlu "Iva vera". Hi qalltlu li ser tibqa' tmur ghand A u hu mar ghand l-Avukat.

Hu kkonkluda hekk: " Jiena naf li sallum M'Rose u Ray ghadhom flimkien. It-tfal jmorru jieklu ghandha darba fil-gimgha f'Hal Safi fejn tghix ma' A."

**Veronika Young**, ghall-**MSV Life** xehdet fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2013, mizmuma mill-Perit Legali, Fol 148. Hi pprezentat document market Dok V41 bl-informazzjoni kollha dwar il-Polza ta' assikurazzjoni No: 30680 fuq A B. Ikkonfermat li C B ma kellhiex polza f'isimha. Il-Policy issarfet fit-2007 biex thallset outstanding loan mal-BOV. Din kienet protection policy ghall-loan.

**Brian Farrugia**, ghal **Transport Malta**, xehed fl-istess seduta. Hu kkonferma li A B ghandu registrata f'ismu il-vettura Honda CRX numru ta' registrazzjoni GER 958 , ilha registrata f'ismu mid-19 ta' Ottubru 2007. Kellu ukoll Lada Samara BAV 256 li giet scrapped fis-17 ta' Awissu 2006. L-istess xhud fis-seduta tat-23 ta' April 2013 ikkonferma li l-vettura Hyundai Accent GBG 954 gja GER 958 kienet registrata f'isem l-attur mill-15 ta' Lulju 2002 sad-19 ta' Ottubru 2007, meta nbieghed lil terzi.

**Mary Rose Bonnici** xehdet fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2013 mizmuma mill-Perit Legali, Fol 155. Hi kkonfermat li ghall-habta tas-sena 2000 kienet tiehu t-tfal ghal-lezzjonijiet tal-izfin u fit-2003 bdew jmorru hi u r-ragel. Lil C kienet tafha qabel billi kienet mill-Imsida. Hi tghid li meta kellha l-incident tat-traffiku kien bi zball li cemplet lil A, hi riedet iccempel lir-ragel, in fatti tghid li malli rrispoda A qaltlu "Emi" billi hasbet li cemplet lir-ragel. Hi tghid li fit-2003 ma' A B kienet biss *student teacher relationship,* tammetti li mit-2008 kienu bdew il-kuntatti bejniethom.

Iddikjarat li rat lil C ma' ragel iehor l-Birgu Waterfront u rat ukoll xi ritratt taghha fuq Facebook ma' ragel iehor tixrob l-inbid.

**Il-Perit Legali, Dr Ingrid Bianco**, fir-rapport taghha pprezentat fl-24 ta' Marzu 2015, Fol 237 et seq waslet ghall-konkluzjoni Fol 266, li 't-tort ghat-tkisir ta' dan iz-zwieg huwa b'mod preponderanti tar-rikorrent'. Ghalhekk kkonkludiet li l-ewwel talba attrici, dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenuta, ghandha tintlaqa' parzjalment, it-tieni talba attrici, xjoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi milqughha parzjalment u divisa kif minnha propost Fol 267, fil-parti 'Xoljiment u Divizjoni tal-Beni Appartenenti lill-Komunjoni tal-Akkwisti', dwar it-tielet talba attrici, li jigu applikati kontra l-konvenuta l-Artikoli 4 u 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-Qorti ghandha tastjeni milli tieghu konjizzjoni ta' din it-talba, billi ma sarux provi u lanqas saru xi talbiet dwarhom fil-kors tas-smiegh tal-kawza,u dwar ir-raba' talba, li tinbiegh id-dar matrimonjali, li ghandha tintlaqa' u r-rikavat tal-bejgh jinqasam ugwalment bejniethom.

Dwar il-beni mobbli l-Perit Legali kkonkludiet li l-partijiet ghandhom jigu assenjati l-vetturi li juzaw cioe' l-attur ghandu jzomm il-vettura Honda del Sol u l-konvenuta zzomm il-vettura Toyota, li ghandhom dritt ghall-kwoti ndaqs mill-valur tal-ghamara li hemm fid-dar matrimonjali, li ma hu dovut xejn lill-konvenuta mir-rikavat tal-Polza mal-MSV Life, billi din ntuzat biex thallset il-loan fuq id-dar matrimonjali, li l-konvenuta ghandha tithallas nofs il-valur tal-music equipment, cioe' Euro 2,329.37 l-ekwivalenti ta' LM1,000, li l-konvenuta ghandha tithallas minn ghand l-attur nofs il-valur mir-rikavat tal-bejgh tad-daghjsa fl-ammont ta' Euro 300, u dwar l-istock tal-hanut li kien fil-garage bil-valur ta' ftit anqas minn LM10,000 li l-attur iddikjara li ma kienx tajjeb ghall-biegh u ta' kollox lill-karita' kkonkludiet li fin-nuqqas ta' provi kontrarji, l-ebda ammont ma kien dovut lill-konvenuta in konnessjoni mal-istock imsemmi.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

Indubbjament iz-zwieg tal-partijiet illum tkisser irremedjabbilment. Mill-provi rrizulta li l-attur illum qed jikkoabita ma' MaryRose Bonnici li ukoll sseparat minn ma' zewgha Emanuel Bonnici; mentri l-konvenuta f'dawn l-ahhar snin dahlet f'relazzjoni ma' certu Salvu Azzopardi. Iz-zewg ulied Jason u Kris huma maggiorenni. Din hi s-sitwazzjoni prezenti. Dak li jinhtieg li jigi determinat hu, x'kienet jew x'kienu r-ragunijiet li waslu ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet.

L-attur jilmenta li martu ma kinitx tikkalkolah, lanqas biss kienet tinfurmah b'certi decizzjonijiet li kienet tiehu, bhal meta ddecidiet li tibda taghti l-

lezzjonijiet tal-pjanu u meta bdiet titghallem ssuq il-karozza; jilmenta mill-fatt li s-sieghat twal ta' xoghol tieghu ma gewx apprezzati minnha u minn uliedhom.

L-konvenuta mill-banda l-ohra tilmenta mill-fatt li l-attur kien jzommha nieqsa mill-flus biex jixtri l-ahhar mudelli tal-mobiles, computers ecc. tant li kienet kostretta tibda taghti l-lezzjonijiet tal-pjanu biex tkun tista' tlahhaq mal-ispejjez tad-dar, li zewgha kien isawwat lit-tfal u lilha meta taqbez ghalihom u l-aghar fost in-nuqqasijiet tieghu li kkometta adulterju ma' MaryRose Bonnici.

L-attur ma jikkontestax din l-allegazzjoni pero' jinsisti li din bdiet fit-2008, wara li hu kien abbanduna id-dar matrimonjali fit-2006 meta il-partijiet tlewmu fil-festa ta' San Guzepp tal-Imsida, f'dik l-okkazzjoni l-konvenuta kienet qalet lill-attur li kien jmissu jistieden lill-habiba mhux lill-martu biex tmur ghand ommu ticcelebra il-festa.

Skont il-Perit Legali, Fol 264, r-relazzjoni tal-attur ma' MaryRose Bonnici, bdiet waqt li l-partijiet kienu ghadhom jghixu taht l-istess saqaf u mhux kif iddikjara l-attur li din bdiet fit-2008.

Il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjoni maghmula mill-abbli Perit Legali. Li l-attur beda r-relazzjoni adultera tieghu meta kien ghadu jghix taht l-istess saqaf mal-konvenuta tirrizulta mix-xhieda tal-konvenuta, taz-zewg ulied tal-partijiet Jason u Kris kif ukoll mix-xhieda tar ragel ta' MaryRose Bonnici, Emanuel Bonnici.

Ikkunsidrat;

**Gurisprudenza**.

Fil-kawza fl-ismijiet " **Caterina Agius vs Benedict Agius**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967 gie enuncjat li l-Ligi tqieghed bhala motiv illi jiggustifikaw l-azzjoni ta' separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-hajja konjugali, u mhux incidenti minuri.

Fil-kawza fl-ismijiet "**Elisa Thompson vs Edward Thompson**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju 1925 gie stabbilit illi sabiex tigi promossa b'success l-azzjoni tas-separazzjoni personali m'hemmx htiega illi jigu ppruvati l-eccessi, sevizzi, minacci u ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi pprovata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza impossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet.

Fil-kawza fl-ismijiet " **Rosina Micallef vs Angelo Micallef**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis27 ta' Gunju 1964 ntqal:

"L-adulterju jista' jigi ppruvat pemezz ta' indagni u presunzjonijiet, purche' dawn jkunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallux ebda dubbju f'min ghandu jiggudika.

Huwa sufficjenti li tirrizulta wahda biss mill-kawzali elenkati mill-ligi sabiex jinghata lok ghas-separazzjoni personali."

Fil-kawza fl-ismijiet " **D Edwards vs Avv Dottor Joseph H Xuereb noe**" deciza mill-PrimAwla tal-Qorti Civili fit-22 ta' Frar 1961 ntqal:

" Darba ppruvat l-adulterju tal-konjugi konvenut, il-Qorti m'ghandhiex bzonn tidhol f'motivi ohra ta' separazzjoni dedotti fic-citazzjoni."

Fil-kawza fl-ismijiet "**Maria MIfsud vs Vincenzo Mifsud"** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 ntqal:

" Il-minacci jistghu jkunu verbali jew reali u materjali. Jekk dawn verbali jkunu l-effett ta' impetu u mhux rafforzati mill-intenzjoni illi jkunu sussegwiti mill-azzjoni, fil-kas ta' nies ta' certu cetu socjali ma jawtorizzawx lill-Qorti taccetthom bhala raguni u motiv ta' firda personali: imma jekk ikunu tali illi jirrivestu azzjoni, u min jaghmilhom jidher li huwa kapaci, allura indubbjament jiffurmaw motiv ta' separazzjoni."

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet**.

**Htija ghat-Tkissir taz-Zwieg**.

Mill-kumpless tal-provi prodotti mill-partijiet jirrizulta illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet kien ilu s-snin ghaddej minn diffikultajiet serji. Tal-partijiet ma kienux semplici battibekki bejn konjugi izda kienu episodji serji ta' vjolenza domestika kommessi mill-attur fil-konfront tal-konvenuta u fil-konfront tal-ulied minuri tal-partijiet.

L-attur jilmenta illi martu ma kinitx timxi sew mieghu. Isostni li kienet twegghu hafna b'ilsinha u jghid li dawn kienu okkazzjonijiet spissi. Jilmenta illi kienet taghmel ta' rasha minghajr ma tikkonsultah.

L-episodji ta' vjolenza kommessi mill-attur fil-konfront ta' martu u wliedu ma jistghu qatt jigu gustifikati mil-mod kif martu kienet titrattah. Iz-zewg ulied tal-partijiet jikkonfermaw ix-xhieda tal-omm illi zewgha kien vjolenti f'diversi okkazzjonijiet. Kien sahansitra jaghti lit-tfal bil-ponn go wicchom u jispiccaw il-

poliklinika filwaqt li, fuq instigazzjoni ta' missierhom, jghidu lit-tobba li kienu waqghu. Il-Qorti tqies bhala veritiera x-xhieda moghtija min iben il-partijiet, Chris B, fejn xehed li jiftakar lill-missieru juza kliem bhal:- "naqsmek", "inkissirlek ghadmek", "inhassarlek wiccek" u "nifqak mal-hajt".

Dan l-agir tal-attur il-Qorti tikkundannah u qed tikkonsidrah bhala wahda mir-ragunijiet ghaliex iz-zwieg tal-partijiet ma setax ikun hajja ta' komunjoni serena li wkoll wassal ghat-tkissir tal-istess zwieg. Il-Qorti tqis li l-konvenuta irnexxielha tipprova sodisfacentement illi ghalkemm l-attur kien vjolenti maghha u ma uliedha hija ppruvat issalva z-zwieg taghhom u kien ghalhekk illi ma kinitx tirrapporta lil zewgha mal-awtoritajiet kompetenti.

Id-daqqa mortali ghaz-zwieg tal-partijiet waslet meta l-attur beda relazzjoni adultera ma' mara ohra li wkoll kienet mizzewga bit-tfal. L-attur isostni li bl-iskop li jsalva z-zwieg tieghu hajjar lil martu jibdew imorru ghal-lezzjonijiet taz-zfin tant li tpiccaw fethu skola taz-zfin huma. Dan wassal pero' sabiex l-attur beda relazzjoni adultera ma' wahda min-nisa li kienu jmorru ghal-lezzjonijet ghandhom. L-attur jammetti li ghandu din ir-relazzjoni izda jghid li din bdiet minn meta huwa telaq mid-dar u mhux qabel. Il-Qorti ma temminx il-verzjoni li ta l-attur fir-rigward. Il-Qorti temmen ix-xhieda li taw ulied il-partijiet minn fejn jirrizulta ampjament illi r-relazzjoni adultera tal-attur mal-persuna imsemmija bdiet meta kienu ghadu jghix fid-dar matrimonjali.

Dan ma jfissirx illi l-konvenuta ma kelliex id-difetti taghha fir-relazzjoni taghha mal-attur. Mhux eskluz dak allegat mill-attur illi l-konvenuta kienet tmaqdru u tiddemotivah. Pero' tali agir certament li ma jwassalx ghal-livell ta' gravita' bhalma huma l-adulterju u l-vjolenza domestika. Hija l-ferma opinjoni tal-Qorti illi ghat-tkissir taz-zwieg kien jahti primarjament l-attur minhabba vjolenza domestika u adulterju.

Stabbilit illi ghat-tkissir taz-zwieg jahti primarjament l-attur il-Qorti issa ser tghaddi sabiex titratta u tiddeciedi t-talbiet attrici l-ohra.

**Artikolu 48 tal-Kap 16**.

*L-Artikolu 48 (1) ( c ) jghid hekk:-*

*"(1) (ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*

*Illi ssir referenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Prim Awla fl-ismijiet Greengrass Hugh vs Greengrass Lucia datata 2 ta' Ottubru 2003, li fiha l-Qorti spjegat:*

*L-artikolu 51 tal-Kodici Civili jiddisponi li:-*

*Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu.*

*L-effetti kontemplati mill-artikolu fuq citat ghandhom japplikaw biss f'kaz fejn iz-zwieg ikun tfarrak bi htija preponderanti ta' xi hadd mill-mizzewgin."*

In vista tal-fatt li l-Qorti qed issib li ghat-tkissir taz-zwieg kien jahti primarjament l-attur minhabba vjolenza domestika u adulterju, it-talba tal-attur fil-konfront tal-konvenuta imsejsa fuq l-Artikolu 48 tal-Kap. 16 ma hiex fondata u ghalhekk qed tigi respinta.

**Xoljiment u Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti**.

Mill-atti jirrizulta li l-unika immobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti hija d-dar matrimonjali u cioe' l-appartament bl-indirizz "Chris Flats", no. 1, Antonio Sciortino Street, Imsida. Dwar din il-proprjeta' ma tresqet l-ebda stima.

Tenut kont illi l-ebda dejn ma jagrava din il-proprjeta' u ulied il-partijiet llum huma maggorenni, l-Qorti qed tiddeciedi illi dan l-immobbli ghandu jinbiegh bis-subbasta u r-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet.

Fir-rigward tal-mobbli l-Qorti qed tiddeciedi illi l-vettura li juza l-attur tal-marka Honda del Sol ghandha tigi assenjata lill-attur; filwaqt li l-vettura li tuza l-konvenuta tal-marka Toyota, ghandha tigi assenjata lill-konvenuta. Hadd mill-partijiet ma ressaq prova tal-valur ta' dawn il-vetturi. Ghalhekk il-Qorti qed tikkonsidrhom ta' valur ugwali.

Dwar l-ghamara fid-dar matrimonjali il-Qorti tordna li din l-ghamara tinbiegh bis-subbasta u r-rikavat jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet.

Dwar l-MSV Life Insurance irrizulta li l-attur tali polza sarrafha. Rapprezentant ta' MSV Life Insurance xhed illi parti mill-ammont dovut mal-gheluq tal-polza thallas sabiex gie saldat il-bilanc tal-home li kien isejjah lill-partijiet. Dwar il-bilanc mir-rikavat li ma ntuzax ghal dak l-iskop l-attur xhed li hallas il-business loan li kellu kif ukoll dejn iehor konsistenti f'arretrati ta' kera ta' garaxx (ara

Doks. RG1 sa RG15). Il-Qorti qed taccetta l-verzjoni li ta l-attur fis-sens illi l-ammont ricevut mat-terminazzjoni tal-polza intuza kollu sabiex thallas dejn tal-komunjoni. Il-Qorti ghalhekk qed tikkonkludi illi f'dan ir-rigward xejn ma hu dovut mill-attur lill-konvenuta.

Fir-rigward tal-*music equipment* li kien inxtara fiz-zwieg ghall-valur ta' Lm2,000, il-Qorti ikkonsidrat illi l-attur ma kkontestax li meta telaq mid-dar huwa ha mieghu dan l-*equipment;* lanqas ikkontesta l-valur tieghu skont ma ddikjarat il-konvenuta. Ghaldaqstant il-Qorti qed tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta s-somma ta' elfejn, tlett mija u tletin ewro (€2,330) ekwivalenti ghal elf lira Maltin (Lm1,000).

Dwar id-dghajsa, l-attur stess iddikjara illi biegh l-istess ghall-prezz ta' tmien mitt ewro (€800). Xhed ukoll li hallas mitejn ewro (€200) bhala senserija. Din ix-xhieda ma giet bl-ebda mod kontradetta. Ghalhekk il-Qorti qed tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta s-somma ta' tlett mitt ewro (€300).

Fir-rigward tal-istokk li kien jinstab fil-garaxx, l-attur jghid li dan ma kienx tajjeb ghall-bejgh u li ghalhekk il-kera li kien qed jithallas ghall-garaxx fejn din il-merkanzija kienet tinhazen kienet qed tithallas prattikament minghajr l-ebda beneficcju ta' xejn. L-attur jghid li kien ghalhekk li ddecieda li jaghti l-merkanzija lill-karita' sabiex ikun jista' jaghti c-cavetta tal-garaxx lura lil sid il-kera. Jispecifika li tali merkanzija inghatat lill-organizzazzjoni filantropika "Humanitarian Aid" b'risq il-vittmi ta' Haiti.

Mill-banda l-ohra l-konvenuta ssostni li l-attur biegh tali merkanzija u li ghalhekk imissha nofs ir-rikavat. Il-konvenuta pero' ma resqet l-ebda provi tangibbli sabiex issostni l-verzjoni taghha illi l-merkanzija mhux minnu li inghatat ghall-karita' izda li inbieghet.

Il-Qorti qed tikkonsidra illi l-attur ma kellu l-ebda dritt illi unilateralment, minghajr il-kunsens ta' martu jew fin-nuqqas, minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti, li jiddisponi minn assi tal-komunjoni tal-akkwisti bhalma huma l-merkanzija li inghatat valur ta' circa ghaxart elef lira Maltin (Lm10,000).

Jekk l-attur iddecieda minghajr il-kunsens ta' martu jew minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti li jghati lil terzi b'titolu gratuwitu assi tal-komunjoni tal-akkwisti li kienu fil-kontrol esklussiv tieghu; huwa ma hux ezonerat mill-obbligu tieghu li jghaddi lill-konvenuta sehmha mill-istess.

Fin-nuqqas ta' stima il-Qorti qeghda *arbitrio boni viri* tistabbilixxi illi sehem il-konvenuta minn tali merkanzija ghandu valur ta' hamest elef u hames mitt ewro

(€5,500) u ghalhekk qieghda bil-prezenti tikkundanna lill-attur ihallas lill-konventua s-somma ta' hamest elef u hames mitt ewro (5,500).

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta;

1. Tilqa' in parti l-ewwel talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda dan ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-attur u dan minhabba vjolenza domestika u adulterju;

2. Tilqa' in parti t-tieni talba attici u tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

3. Tillikwida u tiddiviedi l-assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti bil-mod kif deciz supra taht l-intestatura "Xoljiment u Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti b'dan illi fuq l-ammonti li l-attur gie kkundannat ihallas lill-konvenuta ghandu jibda jiddekorri millum l-imghax ta' tmienja fil-mija.

4. Tichad it-tielet talba attrici.

5. Tilqa' l-hames talba attrici skond ma gie deciz taht l-intestatura "Xoljiment u Likwidazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti".

6. Tawtorizza lill-konvenuta tirriverti ghal kunjom xbubitha "Ebejer".

Bl-ispejjez jithallsu in kwantu ghal tlett kwarti (3/4) mill-attur u kwart(1/4) mill-konvenuta.

**Imhallef** **Deputat Registratur**